FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2001

**Avviz Nru: 521/01 PM**

**Rausi Insurance Agency Limited**

**vs**

**Shielal Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' disgha mija u tmienja u erbghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM948.89c) rapprezentanti l-hlas tal-premiums fuq il-poloz ta' assikurazzjoni illi inhargu mis-socjeta' attrici fuq ordni tas-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokument esebit. Ra li rapprezentant tas-socjeta' attrici ikkonferma li l-ammont hu dovut.

Ra li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata izda naqset li tipprezenta risposta jew tikkontesta il-kawza.

Ghaldaqstant fil-kontumacja tas-socjeta' tal-konvenuta jynilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**